IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.8.2020
COM(2020) 371 final

2020/0174 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 940/2014 dwar id-dazju tal-bażi fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. Madankollu, ir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttivi tal-VAT u tad-dazji tas-sisa.

Id-dispożizzjonijiet tat-TFUE, b'mod partikolari l-Artikolu 110, fil-prinċipju ma jawtorizzaw l-ebda differenza fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi bejn it-tassazzjoni ta' prodotti lokali u t-tassazzjoni ta' prodotti ġejjin minn Franza kontinentali, l-Istati Membri l-oħrajn jew il-pajjiżi terzi. Madankollu l-Artikolu 349 tat-TFUE jipprevedi l-possibbiltà li jiġu introdotti miżuri speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperiferiċi minħabba li jeżistu żvantaġġi permanenti li jaffettwaw il-qagħda ekonomika u soċjali f'dawn ir-reġjuni. Miżuri bħal dawn jikkonċernaw diversi politiki, inkluża l-politika tat-tassazzjoni.

It-taxxa "dazju tal-baħar" hija taxxa indiretta fis-seħħ biss fir-reġjuni ultraperiferiċi (RUP) Franċiżi ta' Martinique, ta' Guadeloupe, tal-Guyana Franċiża, ta' Réunion u ta' Mayotte. Din it-taxxa tapplika għall-importazzjonijiet ta' merkanzija, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom, u għall-provvisti ta' merkanzija magħmula bi ħlas minn persuni li jwettqu attivitajiet ta' produzzjoni. Fil-prinċipju, din tapplika bl-istess mod fuq il-prodotti manifatturati lokalment u fuq dawk importati.

Madankollu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014[1] tawtorizza lil Franza biex sal-31 ta' Diċembru 2020, tipprevedi eżenzjonijiet jew tnaqqis tad-"dazju tal-baħar" għal ċerti prodotti manifatturati lokalment. L-Anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa. Skont xi jkunu l-prodotti, id-differenza fit-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali.

L-għan ta' dawn id-differenzjali tat-tassazzjoni huwa li jikkumpensaw għall-iżvantaġġi kompetittivi li jġarrbu r-reġjuni ultraperiferiċi u li jissarrfu f'żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, u għalhekk fil-prezz tal-kost tal-prodotti manifatturati lokalment. Fin-nuqqas ta' miżuri speċifiċi, il-prodotti lokali jkunu inqas kompetittivi minn dawk ġejjin minn xi mkien ieħor, anki jekk jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport. Għalhekk dan jagħmilha aktar diffiċli biex tinżamm l-produzzjoni lokali b'kostijiet ogħla ta' produzzjoni.

Minħabba l-iskadenza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni nediet studju estern biex tivvaluta s-sistema attwali kif ukoll l-impatt potenzjali tal-għażliet differenti previsti għall-perjodu wara l-2020. Abbażi ta' dak l-istudju, il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat li tingħata l-estensjoni mitluba, filwaqt li jsiru xi emendi fis-sistema eżistenti.

Għalhekk il-Kummissjoni wettqet l-eżami tal-listi tal-prodotti li għalihom l-awtoritajiet Franċiżi jixtiequ japplikaw tassazzjoni differenzjata. Dan l-eżami tal-listi tal-prodotti li huwa proċess twil kemm għall-awtoritajiet Franċiżi kif ukoll għall-Kummissjoni, li jeħtieġ verifika, għal kull prodott, tar-raġunijiet għat-tassazzjoni differenzjata u l-proporzjonalità tat-taxxa, sabiex jiġi żgurat li din it-tassazzjoni differenzjata ma tkunx xkiel għall-integrità u għall-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, inkluż is-suq intern u l-politiki komuni.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 1)

Il-kriżi minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ħolqot dewmien kbir fil-ħidma tal-awtoritajiet Franċiżi biex tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa. B'konsegwenza ta' dan, sa issa din il-ħidma għadha ma tlestietx.

In-nuqqas ta' adozzjoni ta' kwalunkwe proposta qabel l-1 ta' Jannar 2021 jista' joħloq lakuna ġuridika peress li tiġi pprojbita l-applikazzjoni ta' kull tassazzjoni differenzjata fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi wara l-1 ta' Jannar 2021, anki fil-każ tal-prodotti li fl-aħħar mill-aħħar għalihom tkun iġġustifikata t-tassazzjoni differenzjata.

Meħtieġ perjodu ulterjuri ta' sitt xhur biex titlesta l-ħidma li għaddejja bħalissa, biex l-awtoritajiet Franċiżi jingħataw il-possibbiltà li jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa u biex il-Kummissjoni tingħata biżżejjed żmien biex tippreżenta proposta bbilanċjata li tikkunsidra l-interessi varji kkonċernati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Komunikazzjoni tal-2017 dwar sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea[2], tenfasizza li r-reġjuni ultraperiferiċi għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet serji, li ħafna minnhom huma permanenti. Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni dwar kif l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi jingħata spinta billi jsir l-aħjar użu mill-assi tagħhom u billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet possibbli pprovduti minn vetturi ġodda ta' tkabbir u ta' ħolqien tal-impjiegi.

F'dan il-kuntest, l-objettiv ta' din il-proposta hu li jiġu promossi u miżmuma ċerti produzzjonijiet lokali li huma partikolarment f'riskju u b'hekk jiġu promossi l-impjiegi fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Din il-proposta se ssaħħaħ is-suq uniku u se tqanqal il-kompetittività ta' dawn il-produzzjonijiet lokali billi tikkumpensa għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-pożizzjoni ġeografika u l-qagħda ekonomika tagħhom. Tikkomplementa l-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI)[3] li għandu l-għan li jappoġġa s-settur primarju u l-produzzjoni tal-materja prima, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)[4] u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)[5] li jinkludu allokazzjoni speċjali ulterjuri biex tikkumpensa għall-kostijiet ulterjuri tar-reġjuni ultraperiferiċi relatati mil-limiti tagħhom stess.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-Istrateġija għas-Suq Uniku tal-2015[6], li permezz tagħha l-Kummissjoni beħsiebha tistabbilixxi suq uniku approfondit u aktar ġust li jkun ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati kollha. Wieħed mill-objettivi tal-miżura proposta huwa li jittaffew il-kostijiet addizzjonali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-kumpaniji fir-reġjuni ultraperiferiċi, li jxekklu s-sehem bis-sħiħ tagħhom fis-suq uniku. Minħabba l-volum limitat tal-produzzjoni kkonċernata fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi, ma huwa previst l-ebda impatt negattiv fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku.

---

2 COM(2017)623 final.

3 Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013

4 Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

5 Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji [COM(2015) 550 final], p. 4.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 349 tat-TFUE. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kunsill jadotta dispożizzjonijiet speċifiċi mmirati li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Kunsill biss għandu s-setgħa li jadotta, abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE, miżuri speċifiċi favur ir-reġjunijiet ultraperiferiċi għall-adattament tal-applikazzjoni tat-Trattati għal dawn ir-reġjuni, inkluż il-politiki komuni, minħabba li jeżistu żvantaġġi permanenti li jaffettwaw il-qagħda ekonomika u soċjali f'dawn ir-reġjuni ultraperiferiċi. Dan jgħodd ukoll għall-awtorizzazzjoni ta' derogi mill-Artikolu 110 tat-TFUE. Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-għan ta' din il-proposta hu li s-sistema eżistenti tiġi estiża b'sitt xhur biex ikun possibbli li titlesta l-analiżi sħiħa, prodott prodott, tat-talba biex tiġi awtorizzata l-applikazzjoni tat-tassazzjoni differenzjata biex tagħmel tajjeb għall-iżvantaġġi kompetittivi li jġarrbu l-produzzjonijiet lokali. L-ebda estensjoni mhi se tkun awtorizzata sakemm titlesta l-analiżi prodott prodott tat-talba tal-awtoritajiet Franċiżi.

- **Għażla tal-istrument**

Hija proposta Deċiżjoni tal-Kunsill biex tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Id-direttorati ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea ġew ikkonsultati dwar it-test ta' din il-proposta.

Ingħatat deroga mil-Linji Gwida għal regolamentazzjoni aħjar ibbażata fuq il-fatt li l-impatt ġenerali limitat tas-sistema tad-"dazju tal-baħar" fuq l-UE kollha kemm hi.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Qed issir reviżjoni sħiħa tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE fid-dawl tat-tiġdid tas-sistema. Se jiġi stabbilit dokument analitiku li fl-anness tiegħu jinkludi evalwazzjoni tas-sistema abbażi tal-istudju estern u tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-parti mhijiex applikabbli dment li d-dispożizzjonijiet tal-proposta jixhdu dan.

2020/0174 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 940/2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[7],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014[8] dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi, tawtorizza lill-awtoritajiet Franċiżi jipprevedu eżenzjonijiet jew tnaqqis tad-dazju tal-baħar għall-prodotti manifatturati lokalment fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi msemmija fl-Anness tagħha. Id-differenzjal massimu awtorizzat hu ta' 10, 20 jew 30 punt perċentwali, skont xi jkunu l-prodotti u d-dipartimenti extra-Ewropej ikkonċernati. Id-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

(2) Franza tqis li l-iżvantaġġi kompetittivi li jġarrbu r-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi jippersistu u bagħtet talba lill-Kummissjoni fejn talbet li tinżamm sistema ta' tassazzjoni differenzjata simili għas-sistema attwali wara l-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

(3) Madankollu, l-eżami tal-listi tal-prodotti li għalihom Franza tixtieq tapplika tassazzjoni differenzjata hu proċess twil li jeħtieġ verifika, għal kull prodott, tar-raġunijiet għat-tassazzjoni differenzjata u għall-proporzjonalità tat-taxxa, sabiex jiġi żgurat li t-tassazzjoni differenzjata ma tkunx xkiel għall-integrità u għall-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, inkluż is-suq intern u l-politiki komuni.

(4) Il-kriżi minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ħolqot dewmien kbir fil-ħidma tal-awtoritajiet Franċiżi biex tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa. B'konsegwenza ta' dan, sa issa din il-ħidma għadha ma tlestietx.

(5) In-nuqqas ta' adozzjoni ta' kwalunkwe proposta qabel l-1 ta' Jannar 2021 jista' joħloq lakuna ġuridika peress li tiġi pprojbita l-applikazzjoni ta' kull tassazzjoni differenzjata fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi wara l-1 ta' Jannar 2021.

---

[7] ĠU C , , p. .

[8] Id-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 1)

(6) Meħtieġ perjodu ulterjuri ta' sitt xhur biex titlesta l-ħidma li għaddejja bħalissa u biex il-Kummissjoni tingħata biżżejjed żmien biex tippreżenta proposta bbilanċjata li tikkunsidra l-interessi varji kkonċernati.

(7) Għalhekk, id-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE, id-data "il-31 ta' Diċembru 2020" għandha tiġi sostitwita bid-data "it-30 ta' Ġunju 2021".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President